PARLAMENT EWROPEW 2009 - 2014

*Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu*

**2011/2224(DEC)**

7.2.2012

# OPINJONI

tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu

għall-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

dwar kwittanza b'rabta mal-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija tas-Sigurtà tal-Avjazzjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010
(C7-0285/2011 – 2011/2224(DEC))

Rapporteur għal opinjoni: Knut Fleckenstein



*Magħquda fid-diversità*

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu jistieden lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, bħala l-kumitat responsabbli, jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jilqa' l-fatt li l-Qorti tal-Awdituri tikkunsidra li l-kontijiet annwali tal-Aġenzija Ewropea tas-Sigurtà tal-Avjazzjoni għas-sena finanzjarja 2010 huma affidabbli u li t-tranżazzjonjiet sottostanti, fl-aspetti materjali kollha, kienu legali u regolari;

2. Jinnota li l-Aġenzija rċeviet EUR 34 200 000 mill-baġit tal-Unjoni għall-2010;

3. Jinnota, barra minn hekk, li l-baġit globali tal-Aġenzija żdied bi kważi 11% minn EUR 122 000 000 għal EUR 137 000 000 mill-2009 sal-2010 u li l-għadd tal-persunal żdied minn 509 għal 578;

4. Jiddeplora l-irregolaritajiet misjubin mill-Qorti tal-Awdituri fis-selezzjoni tal-persunal u fil-proċeduri tal-għoti ta' kuntratti pubbliċi; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-Aġenzija tapplika korrettement ir-regoli tal-Unjoni; jenfasizza l-importanza tat-trasparenza tal-proċedura tal-għoti tal-kuntratti pubbliċi u tal-proċeduri ta' reklutaġġ;

5. Jipproponi li l-Parlament jagħti kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà tal-Avjazzjoni fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2010.

## RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

| | |
|---|---|
| **Data tal-adozzjoni** | 6.2.2012 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 25<br>–: 4<br>0: 1 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Inés Ayala Sender, Georges Bach, Philip Bradbourn, Antonio Cancian, Michael Cramer, Christine De Veyrac, Saïd El Khadraoui, Ismail Ertug, Knut Fleckenstein, Jacqueline Foster, Mathieu Grosch, Jim Higgins, Dieter-Lebrecht Koch, Georgios Koumoutsakos, Eva Lichtenberger, Marian-Jean Marinescu, Gesine Meissner, Olga Sehnalová, Brian Simpson, Laurence J.A.J. Stassen, Keith Taylor, Silvia-Adriana Ţicău, Giommaria Uggias, Artur Zasada, Roberts Zīle |
| **Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali** | Burkhard Balz, Spyros Danellis, Dominique Riquet, Anna Rosbach |
| **Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Ioan Enciu |